31994R3330

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3330/94
tal-21 ta' Diċembru 1994
fuq il-klassifikazzjoni fit-Tariffa ta' ċerti qatgħet tat-tjur u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fuq it-tariffa u n-nomenklatura statistika u fuq it-Tariffa Komuni Doganali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad– 29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organiżazzjoni komuni tas-suq tat-tjur [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1574/93 [2], u b'mod partikolari bl-Artikolu 3 u 5 (3) tar-Regolament,

Billi nstab li l-klassifikazzjoni ta' ċerti biċċiet tat-tjur tippreżenta problemi li jirr\ultaw mill-assenza ta' definizzjonijiet preċiżi fin-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika mwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87 [3] kif l-a]]ar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3115/94 [4]; billi dawn id-definizzjonijiet g]andhom ikunu pprovduti biex jassiguraw l-applikazzjoni uniformi tad-dazji fis-settur tal-laħam tat-tjur;

Billi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75 in-nomenklatura tat-tariffa applikabbli bħala riżultat tar-Regolament stipulat fin-Nomenklatura Kombinata; billi allura għandha tkun emendata;

Billi il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni ta'l-Kumitat ta' {estjoni g]al-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tad-dazji fis-settur tal-laħam tat-tjur, l-espressjonijiet li ġejjin għandhom ikollhom it-tifsira mog]tija lilhom hawn taħt:

1. "Nofs", għal skopijiet ta'sotto-titoli 0207 39 13, 0207 39 33, 0207 39 57, 0207 39 61, 0207 39 63, 0207 41 11, 0207 42 11, 0207 43 21, 0207 43 23 u 0207 43 25: nofsijiet ta' karkassi tat-tjur, miksuba b'qata' fit-tul fil-qafas taż-żaqq ma l-isternum u x-xewka tad-dahar;

2. "Kwart", għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 13, 0207 39 33, 0207 39 57, 0207 39 61, 0207 39 63, 0207 41 11, 0207 43 21, 0207 43 23 u 0207 43 25: il-biċċiet tal-koxxa, jew il-biċċiet tas-sider, miksuba b'qata' trasversali min-nofs;

3. "Ġwejnaħ sħaħ, bi jew ming]ajr il-ponot", g]all-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 15, 0207 39 35, 0207 39 65, 0207 41 21, 0207 42 21, 0207 43 31: biċċiet tat-tjur li jikkonsistu fl-*humerus*, fir-*radius* u fl-*ulna*, flimkien mall-muskulatura tal-madwar. Il-ponta, inklużi l-għadam karipali, tista' jew ma tistax tneħħihom. Il-qtugħ għandu jsir mill-ġogi;

4. "Sider", għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 21, 0207 39 41, 0207 39 71, 0207 39 73, 0207 41 41, 0207 42 41, 0207 43 51 u 0207 43 53: biċċiet tat-tjur li jikkonsistu fl-i *sternum* u l-kustilji, mxerrdin fiż-żewġ naħat tagħhom, flimkien mall-muskulatura tal-madwar;

5. "Saqajn", għall-iskopijiet ta' sotto-titli 0207 39 23, 0207 39 75, 0207 39 77, 0207 41 51, 0207 43 61 u 0207 43 63: biċċiet tat-tjur li jikkonsistu fil-*femur*, fit-*tibia* u fil-*fibula* flimkien mall-muskulatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom issiru fil-ġogi;

6. "*Drumsticks* tad-dundjan", għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 43, 0207 42 51: bi''iet tad-dundjan li jikkonsistu fit-*tibia* u fil- *fibula* flimkien mall-muskulatura ta' madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi;

7. "Saqajn oħrajn tad-dundjan", għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 45 u 0207 42 59: biċċiet tad-dundjan li jikkonsistu fil-*femur* flimkien mall-muskulatura tal-madwar jew tal-*femur*, tat-*tibia* u tal-*fibula* flimkien mall-muskulatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi.

Artikolu 2

Il-Kapitolu 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. Nota addizzjonali għandha tkun mibdula b'dan li ġej:

"4. L-espressjonijiet li ġejjin għandhom ikollhom it-tifsiriet assenjati lilhom hawn taħt:

(a) 'Biċċiet tat-tjur, bil-għadam', għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 13 sa 0207 39 23, 0207 39 33 sa 0207 39 45, 0207 39 57 sa 0207 39 77, 0207 41 11 sa 0207 41 51, 0207 42 11 sa 0207 42 59 u 0207 43 21 sa 0207 43 63: il-qatgħat speċifikati hemmhekk, jinkludu l-għadam kollu.

Biċċiet tat-tjur li għalihom issir riferenza f' (a) li jkunu parzjalment bl-għadam għandhom ikunu skond is-sotto-titoli 0207 39 25, 0207 39 47, 0207 39 83, 0207 41 71 jew 0207 43 81.

[1] U Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
[2] U Nru L 152, ta' l-24.6.1993, p. 1.
[3] U Nru L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[4] U Nru L 345, tal-31.12.1994, p. 1.

(b) 'Nofs', għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 13, 0207 39 33, 0207 39 57, 0207 39 61, 0207 39 63, 0207 41 11, 0207 42 11, 0207 43 21, 0207 43 23 u 0207 43 25: nofsijiet ta' karkassi tat-tjur, miksuba b' qata' fit-tul fil-qafas taż-żaqq ma' l-i *sternum* and u x-xewka tad-dahar;

(ċ) 'Kwart', għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 13, 0207 39 33, 0207 39 57, 0207 39 61, 0207 39 63, 0207 41 11, 0207 42 11, 0207 43 21, 0207 43 23 u 0207 43 25: biċċiet tas-saqajn, jew biċċiet tas-sider, miksuba b'qata' trasversali ta' nofs;

(d) 'Ġwienaħ sħaħ, bi jew mingħajr ponot', għall- iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 15, 0207 39 35, 0207 39 65, 0207 41 21, 0207 42 21, 0207 43 31: biċċiet tat-tjur li jikkonsistu mill-*humerus*, ir-*radius* u l-*ulna*, flimkien mall-muskulatura tal-madwar. Il-ponta, inklużi l-għadam *carpal,* tista' jew ma' tistax tneħħijhom. Il-qatgħat għandhom isiru mill-ġogi;

(e) 'Sider', għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 21, 0207 39 41, 0207 39 71, 0207 39 73, 0207 41 41, 0207 42 41, 0207 43 51 u 0207 43 53: biċċiet tat-tjur li jikkonsistu fl-i *sternum* u l-kustilji, li ssibhom fiż-żewġ naħat tagħhom, flimkien mall-muskulatura tal-madwar;

(f) 'Saqajn', g]all-iskopijiet ta' sotto-titolu 0207 39 23, 0207 39 75, 0207 39 77, 0207 41 51, 0207 43 61 u 0207 43 63: biiet tat-tjur li jikkonsistu fil-*femur*, fit-*tibia* u fil-*fibula* flimkien mall-muskulatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi;

(g) '*Drumsticks* tad-dundjan', g]all-iskopijiet tas- sotto-titoli 0207 39 43 u 0207 42 51: biċċiet tad-dundjan jikkonsistu fit-*tibia* u l-*fibula* flimkien mall-muskulatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi;

(h) 'Saqajn oħrajn tad-dundjan', għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 45 u 0207 42 59: biċċiet tad-dundjan li jikkonsistu fil-*femur* flimkien mall-muskulatura tal-madwar jew, tal-*femur*, tat-*tibia* u tal-*fibula* flimkien mall-muskulatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi.

(i) 'Wiżż jew *paletots* tal-papra', għall-iskopijiet ta' sotto-titoli 0207 39 81 u 0207 43 71: wiżż jew papri mnittfin u kompletament imqaxxrin, mingħajr ras jew saqajn, bil-għadam (tas-sider, tal-kustilji, tad-dahar u t'isfel) imneħħijin imma bil-*femurs*, bit-*tibias* u bil-*humeri*"

2. In-Nota addizzjonali 7 għandha tkun imħassra. In-Nota addizzjonali 8 għandha tiġi nota addizzjonali 7.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni